**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-KUMMERC)**

**ONOR IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT McKEON**

**Illum it-Tlieta 30 ta` Gunju 2020**

**Kawza Nru. 1**
**Rikors Nru. 27/18/2 JZM**

**Ahmed Amine Boureghda (detentur ta` Passaport Franciz 09P198983)**

***kontra***

**Alfonso Paulo Fernandes Duart Loureiro bhala direttur tas-socjeta` Pessoa One Limited**

***u***

**Pessoa One Limited (C72937)**

**Dan huwa provvediment finali dwar rikors li pprezenta Ahmed Amine Boureghda fl-1 ta` Gunju 2020.**

**Il-Qorti :**

Rat id-digrieti precedenti taghha ; in partikolari d-digriet taghha tal-4 ta` Gunju 2020.

Semghet is-sottomissjonijiet tad-difensuri fl-udjenza tat-8 ta` Gunju 2020.

Rat illi r-rikors thalla ghal provvediment finali ghal-lum.

Rat l-atti l-ohra.

**Ikkunsidrat :**

**Fil-qosor**,

Bir-rikors odjern Ahmed Amine Boureghda ("**Boureghda**") qieghed jittenta jikseb minn din il-qorti ordni *interim* kontra Alfonso Paulo Fernandes Duart Loureiro ("**Loureiro**") bhala direttur tas-socjeta` Pessoa One Limited ("**Pessoa**"), kumpannija registrata Malta, sabiex ma jinzammx *extraordinary general meeting* ta` Pessoa fejn fis-sostanza qieghed ikun propost li jkun hemm *increase in capital* tal-kumpannija, qabel ma jinghata access ghad-dokumenti finanzjarji li specifika fir-rikors sabiex bhala azzjonista jkun jista` jiehu decizjoni nfurmata qabel jesprimi ruhu fil-vot. Kemm fil-premessi tar-rikors, kif ukoll waqt it-trattazzjoni, Boureghda allega li l-*increase in capital* hija pretest min-naha ta` Loureiro sabiex jonqos il-valur tal-ishma li Boureghda ghandu f`Pessoa. Ghalhekk jikkontendi li l-finalita` ta` dak propost li jsir fl-*extraordinary general meeting* huwa att iehor ta` *unfair prejudice* fil-konfront tieghu b`zieda mal-atti l-ohra li huma mertu tal-kawza bejn il-partijiet.

**Ikkunsidrat :**

**<u>Fil-qosor</u>**, Pessoa hija l-uniku azzjonista ta` Brave Return Lda, li hija socjeta` registrata fil-Portugall. Din ghamlet zvilupp immobbiljari residenzjali li kellu jitlesta s-sena l-ohra izda li llum wasal biex jigi kompletat. Brave Return Lda ghamlet numru ta` konvenji ta` bejgh ta` appartamenti ma` numru ta` akkwirenti. Wiehed mill-akkwirenti prospettivi ma baqax interessat fl-akkwist u talab li jithallas lura d-depositu li kien hallas, liema depozitu ghandu jedd ghalih skont il-ligi tal-Portugall, li hija l-*lex situs*. Jidher li Brave Return Lda m`ghandhiex likwidita` ghaliex il-flus li kellha u d-depoziti li thallset kienu investiti fil-progett. Loureiro jghid li l-*increase in capital* f`Pessoa qed isir sabiex jithallas lura dak l-akkwirent prospettiv. Ighid li l-*extraordinary general meeting* bl-agenda proposta jehtieg isir minghajr dewmien ghaliex jekk akkwirenti prospettivi ohra jitolbu lura d-depoziti li hallsu ma jkunx hemm mnejn isir hlas, bil-konsegwenza li jisfaxxja d-dhul li kien prospettat li jhalli l-progett li finalment ghandu jissarraf f`*dividend* favur l-azzjonisti. Jikkontesta l-jedd li Boureghda bhala azzjonista qed jippretendi li ghandu ghad-dokumenti finanzjarji li talab, ghalkemm minn rajh Loureiro ghaddielu whud ghalkemm mhux kollha. Ighid li bil-fatt li jsir l-*extraordinary general meeting* bl-agenda proposta, Boureghda mhux se jgarrab *unfair prejudice.* Il-proposta tista` ma tghaddix. Jekk dan javvera ruhu, allura tkun trid issir procedura simili fi Brave Return Lda ghaliex ir-*raising of capital* huwa vitali.

**Ikkunsidrat :**

Boureghda **<u>mhux jikkontesta</u>** li skont l-M&A ta` Pessoa, l-*extraordinary general meeting* jista` jsir. Ighid pero` li dan ghandu jsir meta jkollu fil-pussess tieghu d-dokumenti finanzjarji li ndika fir-rikors.

Il-kontestazzjoni ta` Boureghda hija l-finalita` tal-*meeting* li jikkontendi li tikkostitwixxi *unfair prejudice* li tmur kontra l-Art 402(1) tal-Kap 386. Ghalhekk talab il-hrug ta` *interim order.*

**A skans ta` repetizzjoni, il-Qorti tirreferi ghal dik il-parti ta` provvediment taghha tat-30 ta` Jannar 2020 bejn l-istess partijiet li tqis <u>l-isfond legali</u> (dottrinali u gurisprudenzjali) ghal *interim orders* li jinhargu fl-ambitu ta` procediment li jkun istitwit abbazi tal-Art 402 tal-Kap 386. Taghmel taghha dawk l-osservazzjonijiet anke ghall-fini ta`l-provvediment tal-lum.**

**Ikkunsidrat :**

Meta taghti r-ragunijiet taghha favur jew kontra talba li ssirilha ghall-hrug ta` *interim order* fl-ambitu ta` azzjoni li tkun istitwita abbazi tal-Art. 402 tal-Kap. 386, il-qorti hija obbligata li tezercita kawtela sabiex ma taghmel ebda konsiderazzjonijiet li jincidu fuq il-mertu tal-azzjoni nnfisha specjalment tenut kont tal-fatt li sejra tkun hija stess li eventwalment tkun trid tippronunzja ruhha dwar il-mertu wara li jkun konkluz il-gbir tal-provi tan-nahat kollha fil-kawza.

**Ladarba talba ghall-ghoti ta` *interim order* issir fil-kwadru ta` azzjoni <u>li tkun diga` promossa</u> skont l-Art. 402 tal-Kap. 386, il-qorti ma tistax twarrab fil-genb ir-ragunijiet li jkun gab ir-rikorrent sabiex isostni l-azzjoni tieghu.**

Il-qorti rat ir-rikors promotur.

Boureghda kien **<u>specifiku</u>** (mhux generiku) dwar liema kienu l-atti ta` pregudizzju, oppressjoni, diskriminazzjoni u trattament mhux gust li jallega li garrab bl-imgieba ta` Loureiro.

L-ilmenti tar-rikorrent kienu specifikament dawn :-

1 Nuqqas ta` notifika ta` laqghat
2 Nuqqas ta` *annual general meetings* jew informazzjoni finanzjarja
3 Dritt ghal *dividend*
4 Nuqqas ta` *dividend certifícate* u dokumentazzjoni relatata mal-istess
*5 Share repurchase*
6 Tnehhija minn direttur tas-socjeta` sussidjarja
7 Tentattiv ta` soluzzjoni barra l-Qorti

Fir-rikors promotur, Boureghda ressaq ghaxar talbiet. L-ewwel (1) talba hija sabiex il-qorti tiddikjara vjolazzjoni tal-Art. 402(1) waqt li t-talbiet l-ohra jirrigwardaw rimedji li qeghdin jintalbu fil-kuntest tal-Art 402(3).

**Tenut kont ta` x`qed jintalab illum, il-qorti mhijiex qeghda tara rabta mal-kawzali tal-azzjoni principali. Ghalhekk issibha difficli li taghti *interim order* ghar-raguni prospettata fir-rikors odjern.**

Huwa minnu li fit-tieni (2) raguni tieghu, ir-rikorrent jallega li *"qatt ma gie pprezentat b`xi accounts, management accounts, jew financial statements, hlief ghal draft accounts ghas-sena 2016, li gew mghoddija lilu mill-company secretary precedenti"* pero` dik l-allegazzjoni li tifforma parti mill-mertu mhijiex relatata mat-talba li qeghda ssir il-procediment odjern.

Tajjeb jinghad illi l-paletti tal-kawza ffissahom ir-rikorrent u kien specifiku f`dak li ppremetta u talab. Il-kwistjoni mertu tal-procediment odjern tidher li tohrog barra mill-kawza principali kif kienet prefissa mir-rikorrent stess.

**Ikkunsidrat :**

Fil-kors tat-trattazzjoni tar-rikors odjern, qamet il-kwistjoni ta` jekk ir-rikorrent bhala azzjonista ghandux dritt jitlob li jinghata d-dokumenti finanzjarji li semma. Id-difensur tar-rikorrent ghamel osservazzjoni li f`kumpannija "*normali*" (kliem l-avukat) azzjonista ma jkollux dak id-dritt imma, skont ir-rikorrent, ic-cirkostanzi tal-kaz qeghdin juru li t-tmexxija ta` Pessoa qeghda tmur kontra l-Art. 402(1) u minhabba f`hekk ir-rikorrent ghandu jinghata dawk id-dokumenti. Din il-posizzjoni tar-rikorrent kienet respinta ghal ragunijiet ta` dritt u ta` mertu mill-intimati.

Dwar taghrif (inkluz dokumenti tal-kumpannija) li azzjonista ghandu jedd ghalihom, u dwar taghrif (inkluz dokumenti tal-kumpannija) li azzjonista m`ghandux jedd ghalihom, il-qorti tirreferi ghaz-zewg provvedimenti li tat il-Prim`Awla tal-Qorti Civili fil-kawza bin-numru 869/2013 fl-ismijiet "**<u>Dr Suzanne Wolfe Martin noe vs Claire Valletta Giordano pro et noe</u>**" fit-28 ta` Frar 2017 u fit-13 ta` Lulju 2017 rispettivament, u ghaz-zewg provvedimenti li tat il-Prim`Awla tal-Qorti Civili fil-kawza bin-nru 870/2013 fl-ismijiet "**<u>Dr Suzanne Wolfe</u>**

**<u>Martin noe vs Geraldine Schembri pro et noe</u>**” fit-28 ta` Frar 2017 u fit-13 ta` Lulju 2017 rispettivament.

Din il-qorti taghmel taghha mhux biss il-provvedimenti nnfushom kif ukoll id-dottrina u l-gurisprudenza hemm citati.

**<u>Fuq bazi ta` dritt</u>**, ir-rikorrent m`ghandux jedd ghad-dokumenti finanzjarji li qed jitlob fil-procediment odjern sabiex izomm l-*extraordinary general meeting* ta` Pessoa milli ssir ghaliex huwa sprovvist minnhom.

**Ikkunsidrat :**

Traccjati l-insidji legali li huma inerenti fit-talba li qeghda ssir mir-rikorrent fil-procediment odjern, jinsorgi l-kwesit jekk il-qorti ghandhiex tqis it-talba fuq bazi ta` gustizzja u ekwita`.

Tistqarr illi anke dan l-aspett huwa *un campo minato.*

**Huwa pacifiku kemm fid-dritt kif ukoll fil-gurisprudenza illi f`kawza li tkun istitwita abbazi tal-Art. 402 tal-Kap. 386, sabiex qorti taghti rimedju ghal ilment ta` rikorrent skont is-subartikolu (3) huwa pregudizzjali ghal dak ir-rikorrent li jaghmel il-prova ghas-sodisfazzjon tal-qorti : a) illi mhux biss l-ilment ikun bazat sewwa (u cioe` li jkun ippruvat kif trid il-ligi) ; izda wkoll b) li jkun gust u ekwu.**

Il-qorti ghamlet car il-posizzjoni taghha aktar kmieni illi t-talba tar-rikorrent fuq bazi ta` dritt ma tistax tkun milqugha.

**Il-kwistjoni l-ohra hija tistax il-qorti tqis favorevolement it-talba fuq bazi ta` gustizzja u ekwita`.**

Il-qorti hasbet fuq li hasbet dwar dan l-aspett.

Tasal biex tghid b`serenita` ta` hsieb li l-fattur tal-gustizzja u ekwita` huwa kriterju li qorti tkun trid tqis meta tigi biex taghmel ordni skont is-subartikolu (3) **wara** li tkun sabet li l-ilment tar-rikorrent skont is-subartikolu (1) ikun bazat sewwa.

**Pero` ghall-fini ta` procediment ta` din ix-xorta, il-gustizzja u l-ekwita` m`ghandhomx jitqiesu bhala alternattiva ghall-assenza ta` jedd skont il-ligi.**

Minn qari attent tas-subartikolu (3), jidher li lanqas il-legislatur ma riedhom li jkunu hekk.

**Fi kwalunkwe kaz il-fattur tal-gustizzja u l-ekwita` tant huwa maghgun mal-konsiderazzjoni tal-istanza fil-mertu ta` rikorrent f`kawza skont l-Art. 402 illi aktar riflessjonijiet mill-qorti dwar dan l-aspett joholqu riskju reali ta` skonfinament fil-mertu tal-kawza nnfisha, riskju li l-qorti m`ghandhiex tidhol ghalih.**

**Provvediment**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda tichad it-talbiet l-ohra tar-rikorrent li baqghu mhux decizi fil-provvediment taghha tal-11 ta` Gunju 2020. L-ispejjez relatati ghal dan il-provvediment jibqghu rizervati ghall-gudizzju finali fil-kawza dwar il-mertu.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**